*Fit-Tribunal Industrijali*

Decizjoni Nru. 1970

*Kaz numru 2649/JB*

*Fuq kwistjoni tax-xoghol bejn:*

*Alan Micallef*

*Vs*

*Valmor Borg Import & Export Limited,*

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingusta.*

Illum : 30 ta' Ottubru, 2009

**Introduzzjoni**

Illi l-odjern appellant talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara t-terminiazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma kinetx wahda skond il-ligi u allura ingusta u sabiex jipprovdi rimedju.

Da parti taghha s-socjeta' intimata iddikjarat illi fl-ebda mument ma' itterminat l-impjieg tal-appellant. Anzi kien hu illi fil-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena 2008, ittermina l-impjieg tieghu billi irrizenja minn fuq il-post tax-xoghol.

**Fatti**

Skond il-kuntratt tax-xoghol datat hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena 2007, ir-rikorrent gie assunt bhala 'labour stores 'mis-socjeta' intimata. Fi zmien precedenti l-istess rikorrenti kien irregistra ruhu bhala student fl-Mcast biex isegwi l-kors ta' Port Induction' u kien hallas mitt lira (lm 100) tal-kors.

Meta gie impjegat mis-socjeta' intimata ir-rikorrent naqas li jinformha. Meta gie l-mument li jattendi l-kors ir-rikorrent talab lis-socjeta' tibdillu is-shift tieghu biex ikun jista' jattendi. Is-socjeta' intimata ma setghetx taghmel dan peress illi iz-zmien fejn kien mitlub l-istess kambjament kien wiehed idoneu ghan-negozju taghha u tali kambjament ma setghax isir.

Dwar it-tali sitwazzjoni, ir-rikorrent ghazel illi jittermina l-impjieg tieghu minn ma' socjeta' intimata u iffirma 'termination form' ta' rizenja.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi il-kaz in ezami jikkwalifika biex jigi kkunsidrat bhala kaz lampanti ta' 'constructive dismissal'. L-awtorita' Selwyn fil-ktieb tieghu 'Law of Employment' jiddeskrivi dan il-kuncett fit-termini segwenti:

"Where the employee terminates the contract with or without notice in circumstances where he is entitled to terminate without notice by reason of the employer's conduct, this is known as constructive

dismissal. For although the employee resigns, it is the employer's conduct which contributes to the repudiation of the contract and the employee accepts that reputation by resigning.

Il-Qrati nostrali kellhom okkazjoni biex jenuncjaw dan il-kuncett fil-kawza fl-ismijiet "Carmel sive Lino Farrugia vs Alexandra Palace Hotel Limited" tas- sebgha (7) ta' Lulju tas-sena 2003. Hija qalet hekk "Ir-rizenja minn impjieg ghar-ragunjiet li ghalihom jahti dak li jaghti x-xoghol ix-xoghol titqies b'interpretazzjoni u tissejjah bhala tkeccija. Jekk tassew kien hemm indhil zejjed fuq ix-xoghol ta' l-attur, ir-rizenja tieghu titqies bhala li kieku kienet tkeccija minghajr raguni valida".

Similarment, "Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck" fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena 2005, "William Cassar vs Dr Louis Cassar Pullicino noe" fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena 1997, u "Falcon Tours vs Marvin Mizzi" tas-sena 2001.

Dan il-kuncett ghalkemm ma jezistix b'mod legislattiv fil-ligi taghna pero kif diga inghad gie applikat sia mill-Qrati Nostrali u sia minn dan l-istess Tribunal.

Il-kuncett ta' 'constructive dismissal' gie estensivament trattat fil-kaz fl-ismijiet "Geniev Zerafa vs Phone Direct Limited" li gie deciz fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena 2007. Hemm gew elenkati certi principji li jridu jigu applikati u segwiti sabiex tirnexxi d-difiza tal- constructive dismissal. Dawna jistghu jigu sintetizzati fis-segwenti u dana fl-espressjoni fil-kuncett ta' constructive dismissal li tinvolvi att unilaterali da parti ta' l-impjegat.

Dana in vista l-kummisjoni u l-oissjoni tal-principal u allura ghandha tigi interpretata bhala terminazzjoni forzata jew indotta sabiex l-impjegat jittermina l-impjieg tieghu.

L-att tal-principal ikun daqshekk gravi illi jisforza lill-impjegat biex jittermina l-impjieg tieghu. L-att maghmul mill-principal kien dirett lejn l-istess impjegat jew lejn impjegat iehor. Aktar att unilaterali hu skop uniku li ma jhalli l-ebda ghazla u jhalli l-alternattiva lil impjegat biex jirrizenja. L-impjegat ipprova jirranga s-sitwazzjoni. Kienx hemm ksur tal-kuntratt tax-xoghol. Il-kuntratt tax-xoghol kienx revokat mill-principal tieghu.

Kif gie anke sottoiffirmat anke fil-kawzi "Jacqueline Higgins vs Joseph Galea" tlettax (13) Gunju tas-sena 1997 u "Joe Sammut vs Malta International Airport" tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tas-sena 2003 sabiex tigi determinata l-esistenza ta' constructive dismissal in-nuqqas ta' l-principal m'ghandux ikun wiehed minuri.

Dak li huwa importanti f'dawn is-sentenzi moghtija huwa li n-nuqqas tal-principal li jara l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu dawk ottimali miftehma u l-ksur tal-kundizzjonijiet u/jew nuqqas ta' ottemperanza taghhom ikunu jintitolaw lill-impjegat li jkun kostrett jittermina l-impjieg minn fuq il-post tax-xoghol.

Fin-nuqqas ta' dawn, ma tkunx tista' tezisti l-prezenza ta' constructive dismissal.

Kif gie deciz minn dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Conrad Sultana vs Burton Operatious Ltd" tal-wieghed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena 1997 u "Michael La Rosa vs Burton Operations Ltd" fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena 1998 gie stabbilit li jrid ikun

hemm ikun hemm ambjent ta' xoghol tant dizmali ghal dan l-impjegat li jkun direttament impjegat mill-istess principal.

Jekk wiehed jara r-ragunijiet applikabbli ghal kaz odjern it-Tribunal ghandi jissofferma fuq il-fatt illi l-istess rikorrent ma invoka l-ebda kuntratt tax-xoghol ezistenti bejn il-haddiem u l-imghallem tieghu li jista' jintitolah u jmexxi ghal constructive dismissal.

Ghalkemm l-impjegat insista li l-imghallem tieghu jibdillu is-shift, hu gie rinfaccjat b'sitwazzjoni mill-istess imghallem illi din id-darba ma setghetx tigi milqugha. Din ma gietx invokata fl-ebda hin fil-kuntratt tax-xoghol li fuqha r-rikorrent setgha jibbaza ruhu ghat-talba tieghu. Wisq anqas waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Anzi huwa liberament ghazel li jiffirma t-termination form illi huwa irrizenja mill-istess xoghol. Ancorche' jikkontendi li kien kostrett li jghamel dan u dana ghamlu peress illi l-imghallem ma hallilu l-ebda alternattiva biex ikun jista' jsegwi dan il-kors minnhu applikat minghajr ma jitlef il-post tax-xoghol tieghu.

L-agir tal-principal li jonqos li jakkorda it-talba tar-rikorrent, ma tistax tigi konsiderata bhala wahda arbitrarja u/jew sproporzjonata. L-incident gie krejat mill-agir ta' l-istess rikorrent. Kien huwa li applika ghal kors minn qabel ma gie impjegat mis-socjeta'. It-tali kors ma kienx jaqa' fil-parametri tax-xoghol ta' l-istess socjeta' intimata. U lanqas kien forzat biex japplika ghal istess kors.

Ir-rifjut tas-socjeta' intimata li tilqa' t-talba tar-rikorrent biex jaqleb ir-roster tieghu ma jistax jigi interpretat illi l-istess principal naqas fl-obbligu sia kontrattwali u sia lavorattiv fil-konfront tar-rikorrent.

Kien dritt li jispetta l-principal li jara jekk jakkordax it-talba ta' l-istess rikorrent. Il-fatt li l-istess talba ma gietx milqugha mis-socjeta' intimata ma tistax tigi interpretata jew konsiderata bhala kaz ta' constructive dismissal. Ma taqax fil-principji kif nunicjati aktar il-fuq.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal jiddeciedi illi it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-socjeta' intimata kienet kawza tar-rizenja ta' l-istess rikorrent minn ma' l-impjieg li kellu minn mas-socjeta' intimata, liema mizerja ma tistax tigi bhala konsiderata bhala kaz ta' constructive dismissal liema rizenja ma tikkwalifikax bhala tkeccija allegatament ingusta.

Ghal fini ta' tassazzjoni it-Tribunal qed jifissa is-somma ta' hamsin Euro kull parti.

*Dr Joseph P Bonnici*
*Chairman.*

Vera kopja

Claire Galea Purkiss
Għas-Segretarju